

Brussell, 18 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5386/22

AGRI 19
DELECT 7

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 101 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 17.1.2022 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-produzzjoni u l-użu ta' nebbieta organiċi, mhux organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2022) 101 final.

Mehmuż: C(2022) 101 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.1.2022
C(2022) 101 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 17.1.2022

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-produzzjoni u l-użu ta' nebbieta organiċi, mhux organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848 il-ġdid dwar il-produzzjoni organika u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1794 emendatorju dwar l-użu ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fil-fażi ta' konverżjoni u materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti, jeħtieġ li jiġu introdotti aktar emendi fir-rigward tal-użu ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fil-fażi ta' konverżjoni u materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward ta' derogi possibbli mill-użu ta' nebbieta organiċi, li huma tip partikolari ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li joriġina miż-żrieragħ u mhux kopert mill-bażijiet tad-*data* u s-sistemi ta' informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-materjal riproduttiv tal-pjanti msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/848.

Meta titqies il-prattika tas-soltu għat-trapjant ta' nebbieta ta' għelejjel ortikulturali li spiss ikunu soġġetti għal ċiklu qasir ta' produzzjoni mit-trapjant tan-nebbieta għall-ewwel ħsad tal-prodotti, huwa importanti li f'każijiet bħal dawn, tiġi limitata d-deroga għall-użu ta' nebbieta mhux organiċi, u li jiġi ċċarat l-użu ta' nebbieta fil-fażi ta' konverżjoni u mhux organiċi u r-rekwiżiti tal-produzzjoni tagħhom f'kundizzjonijiet organiċi stretti, sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-produzzjonijiet organiċi.

Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi permessa tranżizzjoni bla xkiel fil-produzzjoni ta' materjal riproduttiv organiku tal-pjanti biex jiġi żgurat l-iżvilupp tas-settur organiku tal-mixtla, fid-dawl tad-diversi tekniki ta' produzzjoni tad-diversi tipi ta' materjali riproduttivi tal-pjanti għal speċijiet differenti. Bħalissa, hemm ftit mixtliet organiċi li jaħdmu bi pjanti omm jew pjanti oħra maħsuba għall-propagazzjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1.8.2. tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848, minħabba ċ-ċikli twal ta' produzzjoni, l-investimenti fit-tul u d-diffikultajiet tekniċi biex tiġi żgurata l-konformità maċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità u mar-rekwiżiti fitosanitarji.

Għalhekk jeħtieġ li tiġi introdotta emenda li tippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq għall-użu f'għelejjel organiċi ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li joriġina minn pjanti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-punt 1.8.2. tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848.

Fl-aħħar nett, meta jitqies li r-Regolament (UE) 2018/848 se jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022, jeħtieġ li tiġi introdotta klawżola retroattiva biex jiġi evitat vojjt ġuridiku.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-att ġie diskuss bir-reqqa mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Produzzjoni Organika kif ukoll mal-organizzazzjonijiet ewlenin li jirrappreżentaw is-settur organiku u s-setturi tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, jiġifieri l-IFOAM u l-gruppi affiljati magħhom speċifiċi għas-setturi, il-COPA-COGECA u l-ESA. Id-DĠ AGRI ikkoopera mill-qrib ma' Direttorati Ġenerali oħra fil-qasam tal-għarfien espert speċifiku tagħhom rigward l-abbozzar ta' dawn ir-regoli, b'mod partikolari ma' DG SANTE. Is-sħab tad-WTO ġew notifikati u twettqu konsultazzjonijiet pubbliċi ġenerali.

Wara l-konsultazzjoni pubblika ġenerali, waslu aktar minn 400 kontribuzzjoni permezz tal-mekkaniżmu ta' feedback. Sabiex tindirizza t-tħassib espress minn diversi partijiet

ikkonċernati, il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-emendi fir-rigward tad-derogi għan-nebbieta għal tipi oħra ta' materjal riproduttiv tal-pjanti sabiex tippermetti tranżizzjoni bla xkiel għall-iżvilupp ta' materjal riproduttiv organiku tal-pjanti fid-dawl tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' pjanti mkabbra f'konformità mal-punt 1.8.2. tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 għal diversi speċijiet u varjetajiet.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Fil-premessa (35) tiegħu, ir-Regolament (UE) 2018/848 jispjega li sabiex jiġu żgurati l-kwalità, it-traċċabbiltà, il-konformità u l-adattament għall-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti hija ddelegata lill-Kummissjoni fost oħrajn fir-rigward tal-użu ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fil-fażi ta' konverżjoni jew materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti.

Id-definizzjoni tal-materjal riproduttiv tal-pjanti previst fl-Artikolu 3(17) tar-Regolament (UE) Nru 2018/848 tinkludi t-tipi kollha ta' materjali kif ġej: *“materjal riproduttiv tal-pjanti”* *tfisser pjanti u l-partijiet kollha tal-pjanti, inkluż żrieragħ, fi kwalunkwe stadju tat-tkabbir li jistgħu jipproduċu pjanti sħaħ u li huma maħsuba għal dan il-fini*”. In-nebbieta huma tip ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga skont il-punt 1.4 tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848, li jipprevedi l-possibbiltà li jitkabbru n-nebbieta jew it-trapjanti f'kontenituri għal aktar trapjantar. L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/464 jipprovdi wkoll id-definizzjoni li ġejja: *“Għall-fini ta' dan il-punt, 'nebbieta' tfisser pjanta żgħira li toriġina minn żerriegħa u mhux minn biċċa pjanta.*” Id-definizzjoni teskludi n-nebbieta mill-informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, informazzjoni li l-Istati Membri jridu jipprovdu lill-Kummissjoni biex jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/848.

Il-Punt 1.8.1. jirrekjedi li għall-produzzjoni ta' pjanti u prodotti mill-pjanti minbarra l-materjal riproduttiv tal-pjanti, għandu jintuża biss materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun prodott b'mod organiku. Derogi mill-punt 1.8.1. huma possibbli f'konformità mal-punt 1.8.5.1. minħabba nuqqas ta' materjal riproduttiv organiku tal-pjanti jew fil-fażi ta' konverżjoni.

Għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv organiku tal-pjanti, il-punt 1.8.2. tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament 2018/848 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin: *“biex jinkiseb materjal riproduttiv tal-pjanti biex jintuża għal-produzzjoni ta' prodotti minbarra materjal riproduttiv tal-pjanti, il-pjanta omm u, fejn rilevanti, pjanti oħrajn maħsubin għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti għandhom ikunu ġew prodotti f'konformità ma' dan ir-Regolament għal mill-inqas ġenerazzjoni waħda, jew, fil-każ tal-għelejjel perenni, għal mill-inqas ġenerazzjoni waħda matul żewġ staġunijiet ta' trobbija.*” Għalhekk, il-materjal riproduttiv organiku tal-pjanti jenħtieġ joriġina mill-pjanti mkabbra u adattati għal kundizzjonijiet tal-produzzjoni organika f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1.8.2. dipendenti fuq l-ispeċijiet.

Dan l-att delegat jemenda d-dispożizzjonijiet dwar id-deroga possibbli għall-użu ta' nebbieta mhux organiċi. B'mod partikolari, dan l-att jipprojbixxi l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' nebbieta mhux organiċi għal għelejjel soġġetti għal ċiklu ta' produzzjoni li jitlesta fi staġun wieħed ta' tkabbir mit-trapjant tan-nebbiet sal-ħsad tal-prodott finali. Barra minn hekk, l-att delegat jiċċara d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-produzzjoni ta' nebbieta fil-fażi ta' konverżjoni skont l-Artikolu 10(4)(a), tar-Regolament (UE) 2018/848.

Barra minn hekk, sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' żrieragħ organiċi li minnhom jenħtieġ li jiġu prodotti n-nebbieta kif ukoll in-nuqqas ta' pjanti omm jew, fejn rilevanti, ta' pjanti oħra

maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti mkabbar f'konformità mal-punt 1.8.2. tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848, dan l-att delegat jintroduċi wkoll dispożizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-operaturi li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti biex jipproduċu u jqiegħdu fis-suq, taħt ċerti kundizzjonijiet, materjal riproduttiv tal-pjanti li għandu jintuża f'għelejjel organiċi meta ma joriġinawx minn pjanti omm jew pjanti oħra f'konformità mal-punt 1.8.2. tal-Anness II.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 17.1.2022

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-produzzjoni u l-użu ta' nebbieta organiċi, mhux organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni u materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2)(b) u (e) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/848 u b'mod partikolari l-Parti I tal-Anness II tiegħu, jistabbilixxi ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-użu ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fil-fażi ta' konverżjoni u mhux organiku.
- (2) Fid-dawl tal-eliminazzjoni gradwali tad-derogi mill-użu ta' materjal organiku għar-riproduzzjoni tal-pjanti stabbiliti fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2018/848, huwa importanti li jiżdedu l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' materjal riproduttiv organiku tal-pjanti u fil-fażi ta' konverżjoni.
- (3) Madankollu, għal xi speċijiet ortikulturali, id-disponibbiltà attwali taż-żrieragħ organiċi u fil-fażi ta' konverżjoni hija limitata, u l-użu ta' żrieragħ mhux organiċi għall-produzzjoni ta' nebbieta bħala materjal riproduttiv tal-pjanti, imkabbar f'kundizzjonijiet organiċi, huwa teknika komuni.
- (4) Il-bażijiet tad-*data* u s-sistemi msemmija fl-Artikolu 26(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/848, li fihom l-Istati Membri huma meħtieġa jipubblikaw l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' materjal riproduttiv tal-pjanti organiku u fil-fażi ta' konverżjoni, ma jinkludux in-nebbieta. Meta titqies in-natura partikolari tan-nebbieta u d-durata varjabbli taċ-ċikli tal-produzzjoni tagħhom, jeħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli dwar l-użu tagħhom fil-produzzjoni organika. Jenħtieġ li titqies id-disponibbiltà taż-żrieragħ organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni għall-ispeċi u l-varjetà kkonċernati biex tiġi ddeterminata d-disponibbiltà potenzjali fis-suq tan-nebbieta organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni.

¹ ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

- (5) F'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(4), tar-Regolament (UE) 2018/848, il-materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti jista' jiġi kkummerċjalizzat ukoll bħala fil-fażi ta' konverżjoni dment li dak il-materjal ikun lesta l-perjodu ta' konverżjoni ta' mill-inqas 12-il xahar. L-użu ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fil-fażi ta' konverżjoni jenħtieġ li jingħata prijorità fuq l-użu ta' materjal riproduttiv tal-pjanti mhux organiku. F'dak il-kuntest, jeħtieġ li jiġi ċċarat li "nebbieta fil-fażi ta' konverżjoni" jistgħu jintużaw meta ċ-ċiklu ta' kultivazzjoni tagħhom ikun dam mill-inqas 12-il xahar fuq roqgħa art li tkun lestiet perjodu ta' konverżjoni ta' 12-il xahar jew meta kkultivata f'kontenituri jew fuq roqgħa art, dment li n-nebbieta jkunu joriġinaw minn żrieragħ fil-fażi ta' konverżjoni li jkunu nħasdu minn pjanti mkabbra f'roqgħa art li jkunu lestew perjodu ta' konverżjoni ta' 12-il xahar.
- (6) Madankollu, fir-rigward tan-nebbieta, jeħtieġ li jiġi pprojbit l-użu ta' nebbieta mhux organiċi għal għelejjel li jkunu lestew ċiklu ta' produzzjoni fi żmien staġun wieħed tat-tkabbir mit-trapjant tan-nebbieta sal-ewwel ħsad tal-prodott finali sabiex tiġi żgurata l-integrità ta' prodotti organiċi li jistgħu jiddgħajfu f'każ ta' preżenza ta' residwi fiż-żrieragħ mhux organiċi użati bħala materjal tal-bidu.
- (7) Għal ċerti speċijiet jew varjetajiet ta' frott, dwieli u ornamentalni, id-disponibbiltà ta' pjanti omm jew, fejn rilevanti, pjanti oħra maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, imkabbra f'konformità mal-punt 1.8.2 tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848, mhijiex biżżejjed. Barra minn hekk, hemm ftit frott organiku u mixtliet tad-dwieli li attwalment jaħdmu bi pjanti omm imkabbra f'konformità mal-punt 1.8.2. minħabba l-investimenti fit-tul u d-diffikultajiet tekniċi biex tiġi żgurata konformità sħiħa maċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità u mar-rekwiżiti fitosanitarji.
- (8) Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ulterjuri ta' dan is-settur tal-produzzjoni speċjalizzat ħafna, huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà li jiġi awtorizzat l-użu ta' materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti mkabbar f'kundizzjonijiet organiċi għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li għandu jiġi kkummerċjalizzat u użat għal għelejjel organiċi, dment li jiġu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet speċifiċi.
- (9) L-operaturi li jipproduċu materjal riproduttiv tal-pjanti bħal dan jenħtieġ jitħallew jippubblikaw, fuq bażi volontarja, l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' materjal bħal dan fis-sistemi nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2018/848. Dan se jippermetti lill-operaturi jagħżlu materjal riproduttiv tal-pjanti mkabbar b'mod organiku meta materjal riproduttiv tal-pjanti organiku jew fil-fażi ta' konverżjoni ma jkunx disponibbli.
- (10) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza, l-awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' materjal riproduttiv mhux organiku tal-pjanti mkabbar f'kundizzjonijiet organiċi għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti jenħtieġ li jiskadi fl-istess ħin bħad-derogi għall-użu ta' materjal riproduttiv organiku tal-pjanti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja d-disponibbiltà tal-materjal riproduttiv tal-pjanti organiku u se ttemm jew testendi tali awtorizzazzjonijiet fid-dawl tal-konklużjonijiet fir-rigward tad-disponibbiltà tal-materjal riproduttiv organiku tal-pjanti ippreżentat fir-rapport previst fl-Artikolu 53(7) tar-Regolament (UE) 2018/848 u f'konformità mal-Artikolu 53(2) ta' dak ir-Regolament.

- (11) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 jiġi emendat skont dan.
- (12) Biex jiġi evitat vojt ġuridiku, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika b'mod retroattiv mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/848 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17.1.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN